

P6_TA(2007)0266

Format uniformi għal permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar il-proposta modifikata għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1030/2002 li jistabbilixxi format uniformi għal permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. (COM(2006)0110 – C6-0157/2006 – 2003/0218(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta modifikata tal-Kummissjoni (COM(2006)0110)¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 63(3)(a) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tat-Trattat KE, skond liema Artikolu l-Kunsill ikkonsulta l-Parlament (C6-0157/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0211/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
 3. Jistieden lill-Kunsill sabiex javża lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob li jingħata bidu għall-proċedura ta' konċiljazzjoni skond id-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-4 ta' Marzu 1975 jekk il-Kunsill ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 5. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsulta lill-Parlament mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi mill-Parlament

Emenda 1

¹ Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

PREMESSA 3

(3) L-integrazzjoni ta' identifikaturi bijometriċi hija pass importanti lejn l-użu ta' elementi ġodda, li jwaqqfu rabta aktar soda bejn il-permess ta' residenza u l-persuna li jkollha dan il-permess, *u b'dan il-mod jingħata* kontribut importanti biex jiġi żgurat li l-permess ikun protett kontra użu *falz*. ***L-ispeċifikazzjonijiet imfassla fid-dokument Nru 9303 ta' l-ICAO fuq viżi li jistgħu jinqraw b'mezzi ottiċi. għandhom jitqiesu.***

(3) L-integrazzjoni ta' identifikaturi bijometriċi hija pass importanti lejn l-użu ta' elementi ġodda, li jwaqqfu rabta aktar soda bejn il-permess ta' residenza u l-persuna li jkollha dan il-permess *bħala* kontribut importanti biex jiġi żgurat li l-permess ikun protett kontra użu *qarrieqi*. ***Standards ta' sigurtà rigorużi ekwivalenti għal dawk stabbiliti għall-karti ta' l-identità nazzjonali għandhom jiġu applikati għall-permess ta' residenza.***

Emenda 2

PREMESSA 3 A (ġdida)

(3a) Il-karatteristiċi bijometriċi fil-permess ta' residenza uniformi għandhom jintużaw biss għall-verifika ta' l-awtentikità tad-dokument u l-identità tal-persuna li jkollha dan il-permess, permezz ta' karatteristiċi paragunabbli disponibbli direttament meta l-permess ta' residenza jintalab li jintwera bil-liġi.

Emenda 3

PREMESSA 5

(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi *biss* speċifikazzjonijiet li *mhum* sigrieti; jeħtieġ li dawn is-speċifikazzjonijiet ikunu supplimentati minn aktar speċifikazzjonijiet li jistgħu jibqgħu sigrieti sabiex jiġu evitati l-kontrafazzjoni u l-falsifikazzjoni u li ma ***jistgħux*** jinkludu *data* personali jew referenzi għal *data* personali. *Is-setgħa li jkunu* adottati speċifikazzjonijiet supplimentari bħal dawn *għandha tingħata* lill-Kummissjoni, li għandha tkun meħjuna mill-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viżi.

(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi *biss* dawk is-speċifikazzjonijiet li *m'hum* sigrieti; jeħtieġ li dawn is-speċifikazzjonijiet ikunu supplimentati minn aktar speċifikazzjonijiet li jistgħu jibqgħu sigrieti sabiex jiġu evitati l-kontrafazzjoni u l-falsifikazzjoni u li ***m'għandhomx*** jinkludu *data* personali jew referenzi għal *data* personali. *Is-setgħat biex ikunu* adottati speċifikazzjonijiet supplimentari bħal dawn *għandhom jingħataw* lill-Kummissjoni, li għandha tkun meħjuna mill-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viżi.

Emenda 4

ARTIKOLU 1, PUNT 2

Artikolu 2, paragrafu 1, punt (d) (Regolament (KE) Nru 1030/2002)

d) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-mezz ta' *memorizzazzjoni* tal-karatteristiċi bijometriċi u għas-sigurtà tagħhom, inkluża l-prevenzjoni ta' aċċess mhux awtorizzat;

d) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-mezz ta' *ħażna* tal-karatteristiċi bijometriċi u għas-sigurtà tagħhom, ***b'mod partikulari biex jiġu ssalvagwardjati l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità ta' dik id-data kif ukoll l-użu tagħha skond l-l-għanijiet stipulati f'dan ir-Regolament***; inkluża l-prevenzjoni ta' aċċess mhux awtorizzat;

Emenda 5

ARTIKOLU 1, PUNT 2

Artikolu 2, paragrafu 1, punt (e) (Regolament (KE) Nru 1030/2002)

e) il-*ħtiġiet* għall-kwalità tax-xbieha tal-wiċċ u l-istandards komuni tagħha u x-*xbihat* tal-marki tas-*swaba*.

e) il-*ħtiġijiet* għall-kwalità tax-xbieha tal-wiċċ u l-istandards komuni tagħha u x-*xbiehat* tal-marki tas-*swaba*, ***l-obbligi jew ir-rekwiżiti komuni marbuta ma' l-ispeċifiċità ta' dawn ix-xbiehat, metodoloġija komuni u l-aħjar Prattiki għall-implimentazzjoni tagħhom, u proċeduri ta' rimedju għal persuni li m'għandhomx marki tas-swaba' li jistgħu jinqraw jew li jistgħu jiġu identifikati ħażin.***

Emenda 6

ARTIKOLU 1, PUNT 2

Artikolu 2, paragrafu 1, punt (e a) (ġdid) (Regolament (KE) Nru 1030/2002)

(ea) proċeduri xierqa u regoli speċifiċi għall-ħarsien tat-tfal li jinġabruhom il-karatteristiċi bijometriċi tagħhom, speċjalment fejn jittidulhom il-marki tas-swaba'.

Emenda 7

ARTIKOLU 1, PUNT 2 A (ġdid)

Artikolu 2, paragrafu 2 a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 1030/2002)

(2a) Fl-Artikolu 2, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-miżuri ta' implimentazzjoni adottati għandhom jiġu mgħoddija lill-Parlament Ewropew b'mod regolari."

Emenda 8

ARTIKOLU 1, PUNT 3 A (ġdid)

Artikolu 3, paragrafu 2 a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 1030/2002)

(3a) Fl-Artikolu 3, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni lista ta' l-awtoritajiet kompetenti li huma awtorizzati li jkollhom aċċess għad-data tal-karatteristiċi bijometriċi li jinsabu fil-permessi ta' residenza skond dan ir-Regolament u kull modifika li tista' ssirlu. Il-lista għandha tispeċifika, għal kull awtorità, liema data tista' tfittex u għal liema għanijiet. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-pubblikazzjoni annwali tal-lista fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u żżomm lista aġġornata ta' l-awtoritajiet kompetenti fuq il-websajt tagħha.

Emenda 9

ARTIKOLU 1, PUNT 4

Artikolu 4, paragrafu 2 (Regolament (KE) Nru 1030/2002)

"L-ebda informazzjoni f'forma li tista' tinqara b'mezzi ottiċi m'għandha tiġi inkluża fil-mezz ta' *memorizzazzjoni* tal-permess ta' residenza li hemm referenza *għaliha* fl-Artikolu 4a, sakemm dan ma jkunx stipulat f'dan ir-Regolament, jew fl-Anness tiegħu jew sakemm ma jkunx imsemmi fid-dokument ta' l-ivjaġġar relatat – *mill-Istat tal-ħruġ* skond il-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu. ***Fil-permess ta' residenza l-Istati Membri jistgħu jinkludu ċippa ta' kuntatt żejda kif stipulat fil-Parti 16 ta' l-anness ta' dan ir-Regolament għal servizzi telematiċi bħal mhu l-e government u l-e business***)"

"L-ebda informazzjoni f'forma li tista' tinqara b'mezzi ottiċi m'għandha tiġi inkluża fil-mezz ta' *ħażna* tal-permess ta' residenza li hemm referenza *għalih* fl-Artikolu 4a, sakemm dan ma jkunx stipulat f'dan ir-Regolament jew fl-Anness tiegħu jew sakemm ma jkunx imsemmi fid-dokument ta' l-ivjaġġar relatat *mill-Istat li jkun ħareġ id-dokument* skond il-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu.

Emenda 10

ARTIKOLU 1, PUNT 5
Artikolu 4 a (Regolament (KE) Nru 1030/2002)

Il-format uniformi *għal* permessi ta' residenza għandu *ikollu* jinkludi mezz ta' *memorizzazzjoni* li jinkludi xbieha tal-wiċċ. ***L-Istati Membri għandhom jinkludu wkoll il-marki ta' swabi f'format interoperabbli. Id-data għandha tkun assicurata u l-mezz ta' memorizzazzjoni għandu jkun ta' daqs u kapaċità suffiċjenti biex jiggarrantixxi l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data.***

Il-format uniformi *għall*-permessi ta' residenza għandu jinkludi mezz ta' *ħażna* li jinkludi *ix*-xbieha tal-wiċċ ***kif ukoll żewġ xbiehat tal-marki tas-swaba' tal-persuna li jkollha l-permess, ilkoll f'formati interoperabbli. Id-data għandha tkun assicurata u l-mezz ta' ħażna tad-data li jkun ta' sigurtà għolja* għandu jkun ta' daqs u kapaċità suffiċjenti biex jiggarrantixxi l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data.**

Emenda 11
ARTIKOLU 1, PUNT 5 A (ġdid)
Artikolu 4b, paragrafu 1 (ġdid) (Regolament (KE) Nru 1030/2002)

(5a) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 4b li ġej:

“Artikolu 4b

1. Il-mezz ta' ħażna tad-data għandu jintuża biss mill-awtoritajiet fl-Istati Membri, kif elenkat skond l-Artikolu 3(2a), li jkollhom kompetenza li jaqraw u jaħżnu id-data bijometrika.”

Emenda 12
ARTIKOLU 1, PUNT 5 A (ġdid)
Artikolu 4b, paragrafu 2 (ġdid) (Regolament (KE) Nru 1030/2002)

2. Id-data bijometrika li tiddaħħal fil-mezz ta' ħażna ma' tistax tiġi mmodifikata jew imħassra mill-ebda awtorità. Fejn jinholq dan il-bżonn, għandu jinħareġ permess ta' residenza ġdid.

Emenda 13
ARTIKOLU 1, PUNT 5 A (ġdid)
Artikolu 4b, paragrafi 3 u 4 (ġodda) (Regolament (KE) Nru 1030/2002)

3. Deċiżjonijiet li għandhom implikazzjonijiet sustanzjali ta' ħarsien ta' data, bħal m'huma deċiżjonijiet dwar it-tidħil tad-data u l-aċċess għaliha, dwar

il-kwalità tad-data, il-konformità teknika tal-mezz ta' ħażna u miżuri ta' sigurtà għall-ħarsien tal-karatteristiċi bijometriċi, għandhom jittieħdu permezz ta' regolament bl-involviment sħiħ tal-Parlament Ewropew.

4. Is-Superviżur Ewropew għall-Ħarsien tad-Data għandu jkollu rwol li jagħti l-pariri f'kull każ li jkollu implikazzjonijiet ta' ħarsien tad-data.

Emenda 14

ARTIKOLU 1, PUNT 6 A (ġdid)

Artikolu 9, paragrafu 4 a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 1030/2002)

(6a) Fl-Artikolu 9, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

*"L-Istati Membri għandhom b'mod regolari jgħaddu lill-Kummissjoni l-
evalwazzjonijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ibbażati fuq standards li sar qbil dwarhom b'mod komuni, b'mod partikulari fir-rigward tar-regoli li jillimitaw l-għanijiet li għalihom tista' tintuża d-data u l-korpi li jista' jkollhom aċċess għad-data. Huma għandhom ukoll jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-problemi kollha li jiltaqgħu magħhom fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandhom jagħmlu skambju ta' Prattiki tajba mal-Kummissjoni u bejniethom.*